Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2025/2138(INI)

16.12.2025

EMENDI TA' KOMPROMESS 1 - 28

Abbozz ta' rapport
Cristina Guarda
(PE775.671v01-00)

L-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew – ir-rapport annwali 2024
(2025/2138(INI))

AM_Com_NonLegCompr

Emenda 1
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 10, 13, 18
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-ħidma tal-Ombudsman tikkontribwixxi biex tgħin lill-istituzzjonijiet tal-UE jsiru aktar effiċjenti, effettivi, iqisu l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u responsabbli, u b'hekk iżidu l-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew; billi l-Ombudsman jista' jkollha bżonn tindirizza fl-eżerċizzju tal-mandat tagħha fenomeni ġodda li żdiedu b'mod sinifikanti fiż-żminijiet reċenti, bħad-diżinformazzjoni u l-attivitajiet malizzjużi minn pajjiżi terzi, li għandhom l-għan li jimminaw il-fiduċja taċ-ċittadini fl-UE;

Or. en

Emenda 2
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 22, 23
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-Ombudsman ***wettqet inkjesta dwar l-użu*** kontinwu ta' sponsorizzar korporattiv mill-Kunsill tal-UE, minħabba li ***dan wassal*** għal tħassib pubbliku ***persistenti u konsiderevoli*** rigward l-influwenza li l-isponsors jistgħu jeżerċitaw fuq il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, b'mod partikolari fuq il-deliberazzjonijiet rigward il-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE li jaffettwaw ***dawn l-interessi privati tal-isponsors, u b'hekk hemm riskji serji għar-reputazzjoni kemm***	J. billi l-Ombudsman ***eżaminat il-Presidenza b'rotazzjoni tal-użu*** kontinwu ta' sponsorizzar korporattiv mill-Kunsill tal-UE, minħabba li ***din wasslet*** għal tħassib pubbliku rigward l-influwenza li l-isponsors jistgħu jeżerċitaw fuq il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, b'mod partikolari fuq il-deliberazzjonijiet rigward il-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE li jaffettwaw ***tali sponsors***;

tal-Kunsill kif ukoll tal-UE kollha;

Or. en

Emenda 3
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 28
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-Ombudsman ***bdiet*** inkjesta ***abbażi ta' lment minn organizzazzjonijiet nongovernattivi li ddenunċaw il-fatt li l-Grupp*** Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE***, stabbilit mill-Kummissjoni, kien kompost biss minn membri korporattivi, u dan ma kienx jaqbel mar-regoli tal-Kummissjoni dwar rappreżentazzjoni bilanċjata***; billi l-Ombudsman sabet li l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni fir-rigward tal-esklużjoni ***kompleta*** tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-grupp, anke minn statut ta' osservatur, ma kinux konvinċenti; ***billi l-ispezzjonijiet tal-Ombudsman żvelaw li l-grupp iddiskuta u ppromwova aktar il-forniment strutturali tal-enerġija mill-fjuwils fossili, b'implikazzjonijiet soċjali, ambjentali, ekonomiċi u ġeopolitiċi għall-UE;**	K. billi l-Ombudsman ***għamlet*** inkjesta ***dwar kif il-Kummissjoni ddeċidiet dwar il-kompożizzjoni tal-Grupp*** Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE; billi l-Ombudsman sabet li l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni fir-rigward tal-esklużjoni tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-Grupp, anke minn statut ta' osservatur, ma kinux konvinċenti;

Or. en

Emenda 4
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 30
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

L. billi l-Ombudsman wettqet inkjesta abbażi ta' lment fil-kompożizzjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni (RSB), u l-eżitu ta' din l-inkjesta kkonferma ***n-nuqqas ta' għarfien*** espert soċjali u ambjentali meħtieġ***, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni dwar l-RSB; billi l-Ombudsman eżaminat ukoll kif l-RSB interaġixxa mar-rappreżentanti ta' interess u ddeċidiet li l-membri tal-RSB għandhom jevitaw milli jwettqu attivitajiet ta' ħidma biex jintlaħqu n-nies, jekk dawn l-attivitajiet jagħtu lok għal dubji rigward l-indipendenza u l-imparzjalità tal-RSB;	L. billi l-Ombudsman wettqet inkjesta abbażi ta' lment fil-kompożizzjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni (RSB), u l-eżitu ta' din l-inkjesta kkonferma ***li l-kompożizzjoni attwali ma tiżgurax biżżejjed l-għarfien*** espert soċjali u ambjentali meħtieġ ***skont il-komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni dwar l-RSB; billi l-Ombudsman eżaminat ukoll kif l-RSB interaġixxa mar-rappreżentanti ta' interess u ddeċidiet li l-membri tal-RSB għandhom jevitaw milli jwettqu attivitajiet ta' ħidma biex jintlaħqu n-nies, jekk dawn l-attivitajiet jagħtu lok għal dubji rigward l-indipendenza u l-imparzjalità tal-RSB;
	Or. en

Emenda 5
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 35, 36, 37, 38,
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistieden biss rappreżentanti tal-industrija għal sessjoni ta' ħidma dwar il-pestiċidi, ***qasam ta' ħidma li għandu impatt dirett fuq is-saħħa u l-ambjent,*** u kkonkludiet li ***l-Kummissjoni*** setgħet ***assigurat*** aktar trasparenza; billi l-Ombudsman qieset bħala leġittimu t-tħassib pubbliku madwar l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma esklużivament għall-industrija, minħabba li pperċepewha bħala opportunità għall-industrija li tinfluwenza ***indebitament*** il-ħidma tal-Kummissjoni; ***billi meta l-Ombudsman għamlet l-inkjesta dwar ir-regoli relatati mas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluż fil-pestiċidi, inkluż dokument ta' gwida dwar valutazzjoni komparattiva, esprimiet tħassib partikolari dwar in-nuqqas min-naħa tal-***	N. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistieden biss rappreżentanti tal-industrija għal sessjoni ta' ħidma dwar il-pestiċidi, u kkonkludiet li setgħet ***ġiet żgurata*** aktar trasparenza***, li tissuġġerixxi lill-Kummissjoni tiżviluppa paġna web iddedikata, tippubblika informazzjoni u dokumenti dwar avvenimenti tal-pestiċidi li ġejjin malli jsiru disponibbli u tiżgura li l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jkollhom l-opportunità jipprovdu l-fehmiet tagħhom***; billi l-Ombudsman qieset bħala leġittimu t-tħassib pubbliku madwar l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma esklużivament għall-industrija, minħabba li pperċepewha bħala opportunità għall-industrija li tinfluwenza ***b'mod sproporzjonat*** il-ħidma tal-

Kummissjoni li taġixxi biex ittejjeb ir-regoli dwar is-sostituzzjoni tal-pestiċidi, minkejja li l-Kummissjoni kienet konxja mill-2020 li dawn ma kinux effettivi;	Kummissjoni;

Or. en

Emenda 6
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 40, 41, 42
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni indirizzat l-allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, liema allegazzjonijiet kienu jinvolvu wieħed mill-Kummissarji tagħha fil-kuntest ta' kif ġie indirizzat l-ilment ta' ksur; ***billi l-Ombudsman ikkonfermat li l-Kummissjoni ddeċidiet li tassenja l-ilment ta' ksur lid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni (DĠ AGRI), minkejja li l-Kummissjoni nġibditilha l-attenzjoni għall-fatt li ħu l-Kummissarju għall-Agrikoltura kien fost il-membri tal-Parlament Pollakk li kien ippropona l-leġiżlazzjoni inkwistjoni; billi l-Ombudsman sabet li l-mod kif il-Kummissjoni vvalutat il-kunflitt ta' interess kien ħażin u pperċeput li jaffettwa b'mod negattiv l-indipendenza tal-Kummissjoni;***	O. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni indirizzat l-allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, liema allegazzjonijiet kienu jinvolvu wieħed mill-Kummissarji tagħha fil-kuntest ta' kif ġie indirizzat l-ilment ta' ksur;

Or. en

Emenda 7
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 44, 45
Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi l-Parlament approva b'unanimità kważi totali r-Rapport Speċjali tal-Ombudsman dwar il-ħin li l-Kummissjoni tieħu biex tindirizza d-domandi għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti u ***talbet*** lill-Kummissjoni ***tirranġa*** d-dewmien ***sistemiku kif tindirizza d-domandi*** għall-aċċess***, minħabba li dan id-dewmien qed jikser il-prinċipji demokratiċi stabbiliti fit-Trattati tal-UE***; billi l-Ombudsman sabet li l-Kummissjoni qabżet l-iskadenzi legali biex teżamina mill-ġdid id-deċiżjonijiet dwar l-aċċess inizjali f'85 % tal-każijiet ***u li d-dewmien tipikament seħħ b'rabta mad-domandi għall-aċċess li jikkonċernaw oqsma ta' importanza pubblika sinifikanti***; billi ***tali dewmien għandu konsegwenzi partikolarment serji*** fil-każ ta' dokumenti leġiżlattivi***, minħabba li dan jimmina l-kapaċità taċ-ċittadini li jiskrutinizzaw id-deċiżjonijiet u l-politiki tal-UE b'mod f'waqtu, u jfixkel il-parteċipazzjoni sinifikanti fil-ħajja demokratika tal-UE***;	P. billi l-Parlament approva b'unanimità kważi totali r-Rapport Speċjali tal-Ombudsman dwar il-ħin li l-Kummissjoni tieħu biex tindirizza d-domandi għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti u ***stieden*** lill-Kummissjoni ***tindirizza*** d-dewmien ***fid-domandi*** għall-aċċess; billi l-Ombudsman sabet li l-Kummissjoni qabżet l-iskadenzi legali biex teżamina mill-ġdid id-deċiżjonijiet dwar l-aċċess inizjali f'85 % tal-każijiet; billi ***d-dewmien jista' jkun problematiku*** fil-każ ta' dokumenti leġiżlattivi;

Or. en

Emenda 8
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 47
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-Ombudsman bdiet numru ta' inkjesti dwar in-nuqqas ta' aċċess pubbliku għal dokumenti leġiżlattivi, filwaqt li kkritikat ir-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti aċċess għall-kontribut tal-partijiet ikkonċernati u tal-Istati Membri fuq il-Liġi	Q. billi l-Ombudsman bdiet numru ta' inkjesti dwar in-nuqqas ta' aċċess pubbliku għal dokumenti leġiżlattivi, filwaqt li kkritikat ir-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti aċċess għall-kontribut tal-partijiet ikkonċernati u tal-Istati Membri fuq il-Liġi

dwar ir-Restawr tan-Natura[3] u aċċess għal dokumenti fuq ir-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-informazzjoni tal-ikel għall-konsumaturi; billi l-Ombudsman eżaminat, minn perspettiva aktar sistemika, il-konformità tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-prinċipju tat-trasparenza leġiżlattiva, kif stabbilit fit-Trattati tal-UE, u kkonkludiet li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni ***kienu qed jonqsu milli jagħtu effett sħiħ lil*** dan il-prinċipju;	dwar ir-Restawr tan-Natura[3] u aċċess għal dokumenti fuq ir-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-informazzjoni tal-ikel għall-konsumaturi; billi l-Ombudsman eżaminat, minn perspettiva aktar sistemika, il-konformità tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-prinċipju tat-trasparenza leġiżlattiva, kif stabbilit fit-Trattati tal-UE, u kkonkludiet li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni ***ma kinux qed jaderixxu bis-sħiħ ma'*** dan il-prinċipju;
[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1991/oj).	[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1991/oj).

Or. en

Emenda 9
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 49, 51, 52, 54
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-Ombudsman ***għamlet*** inkjesta ***dwar*** l-imwiet fil-Baħar Mediterran u ***skopriet li kien hemm nuqqasijiet serji fir-rwol tal-Frontex fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, inkluż in-nuqqas li ma ġiex żgurat li l-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Frontex ikunu involuti b'mod suffiċjenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar emerġenzi marittimi, kif ukoll in-nuqqas ta' linji gwida interni tal-Frontex dwar l-emissjoni ta' sinjali ta' emerġenza; billi l-Ombudsman enfasizzat li m'hemm l-ebda*** mekkaniżmu ***wieħed*** għall-irfigħ tar-responsabbiltà ***fil-livell tal-UE, liema mekkaniżmu*** jista' jinvestiga b'mod	R. billi l-Ombudsman ***wettqet*** inkjesta ***wara*** l-imwiet fil-Baħar Mediterran u ***ssuġġeriet*** mekkaniżmu ***tal-UE*** għall-irfigħ tar-responsabbiltà ***li*** jista' jinvestiga b'mod indipendenti ***r-rwoli rispettivi*** tal-awtoritajiet nazzjonali, ta' Frontex u tal-Kummissjoni;

indipendenti ***r-rwol*** tal-awtoritajiet nazzjonali, ***ir-rwol*** ta' Frontex***,*** u ***r-rwol*** tal-Kummissjoni***, li hija responsabbli li tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fl-ambitu tat-trattati tal-UE***;

Or. en

Emenda 10
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 57, 58
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi, skont l-Ombudsman, ***ir-rifjut tal-Kummissjoni li tiżvela dokumenti*** relatati mal-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fuq il-proposta leġiżlattiva tagħha dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***wassal għal amministrazzjoni ħażina, minħabba li dan*** fixkel lill-pubbliku milli jiskrutinizza l-impatt u l-influwenza ta' tali partijiet ikkonċernati privati;	S. billi, skont l-Ombudsman, ***il-Kummissjoni setgħet ipprovdiet aċċess akbar għad-dokumenti*** relatati mal-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fuq il-proposta leġiżlattiva tagħha dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***peress li aċċess limitat*** fixkel lill-pubbliku milli jiskrutinizza l-impatt u l-influwenza ta' tali partijiet ikkonċernati privati;

Or. en

Emenda 11
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 66, 67, 68, 71, 72
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Huwa ***mħasseb ħafna*** dwar il-ksur tal-iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluż***i; jisħaq li d-dewmien***	4. Huwa ***inkwetat*** dwar il-ksur tal-iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluż**i**, inkluż is-sustanza per- u

sinifikanti tal-Kummissjoni jikkostitwixxi theddida kbira għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, peress li l-kumpaniji se jibqgħu ikomplu jużaw tali sustanzi kimiċi, inkluż is-sustanza per- u polifluworoalkilata (PFAS)***, liema sustanzi huma assoċjati ma' żieda fir-riskji tal-kanċer u tal-ħsara ġenetika, u ma' saħħa riproduttiva li ma tiffunzjonax tajjeb***;

polifluworoalkilata (PFAS)***; jissottolinja li r-rispett ta' dawn l-iskadenzi huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kif ukoll iċ-ċertezza u l-prevedibbiltà legali fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; jisħaq li biex tindirizza r-riskji tas-saħħa u ambjentali maħluqa mill-PFAS il-Kummissjoni għandha tikkoordina mal-Istati Membri, mal-awtoritajiet nazzjonali u lokali tagħhom iżda anke mas-soċjetà ċivili rilevanti, mal-istituzzjonijiet akkademiċi u mal-istituzzjonijiet xjentifiċi, li għandhom rwol essenzjali f'dan il-qasam***;

Or. en

Emenda 12
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 77, 78
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet severi kollha madwar il-ġestjoni tagħha tar-riskju b'rabta mas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna, ***u tirrifjuta kwalunkwe domandi għall-awtorizzazzjoni ta' tali sustanzi u tipprojbixxi l-użu tagħhom fejn hemm inċertezza persistenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa*** tal-bniedem u l-ambjent; jinsab konvint ***sew*** li l-Kummissjoni għandha timplimenta ***bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha*** li ġejjin mill-inkjesta tal-Ombudsman, inkluża ***rakkomandazzjoni biex*** l-applikazzjonijiet ***għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna li ma jkollhomx l-informazzjoni*** meħtieġa kollha ***jiġu rrifjutati biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jitħallewx ikomplu jużaw***	5. Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet severi kollha madwar il-ġestjoni tagħha tar-riskju b'rabta mas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna, ***inkluż billi tirrevedi l-proċeduri interni tagħha biex tiżgura li tista' tieħu deċiżjonijiet aktar rapidi dwar dawn l-applikazzjonijiet, f'konformità mal-għanijiet tar-Regolament REACH biex tipproteġi s-saħħa*** tal-bniedem u l-ambjent; jinsab konvint li l-Kummissjoni għandha timplimenta ***r-rakkomandazzjonijiet*** li ġejjin mill-inkjesta tal-Ombudsman, inkluża ***dik rigward il-fatt li*** l-applikazzjonijiet ***huma nieqsa mill-informazzjoni*** meħtieġa kollha;

dawn is-sustanzi perikoluż*i*;

Or. en

Emenda 13
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 82, 83, 84, 87
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jemmen bis-saħħa li l-awtorizzazzjoni kontinwa ta' pestiċidi perikoluż trid tintemm minnufih;*** jisħaq li l-Kummissjoni ***jeħtiġilha*** ttejjeb ***b'mod sinifikanti r-regoli*** dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluż fil-pestiċidi sabiex ***tiffavorixxi*** alternattivi sikuri mingħajr kimiċi u ***timxi malajr lejn sistema sostenibbli tal-ikel u ambjent ħieles mit-tossiċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi fejn l-ebda użu sikur ma ġie identifikat jew fejn data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom hija meħtieġa, minħabba l-fatt li diġà hemm konsegwenzi perikoluż ħafna li l-użu tal-pestiċidi kellu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni huwa kompletament trasparenti u ***ħieles minn kunflitti*** ta' interess***, u tikkommetti ruħha li ttemm l-użu tal-pestiċidi sintetiċi kollha sal-aktar tard l-2035***;	6. Jisħaq li l-Kummissjoni ***għandha*** ttejjeb ***ir-regoli*** dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluż fil-pestiċidi sabiex ***tqis aħjar*** alternattivi sikuri mingħajr kimiċi u ***effiċjenti***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni huwa kompletament trasparenti u ***jsegwi salvagwardji stretti kontra l-kunflitti*** ta' interess ***filwaqt li tqis b'mod xieraq is-suġġerimenti għal titjib mill-Ombudsman***;

Or. en

Emenda 14
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 88, 91, 92

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza ***bis-sħiħ*** u l-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva, ***inkluż matul il-proċess leġiżlattiv,*** kif stipulat ukoll fil-każistika tal-QĠUE; jenfasizza li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw it-trasparenza ***sħiħa u jaderixxu*** mal-ogħla standards ta' etika fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet ikkonċernati privati;	7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza u l-ogħla livelli ***adegwati*** ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva, kif stipulat ukoll fil-każistika tal-QĠUE; jenfasizza li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw it-trasparenza ***tan-negozjati politiċi, filwaqt li jqisu l-ħtieġa tal-imġiba effiċjenti tagħhom u l-aderenza*** mal-ogħla standards ta' etika fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet ikkonċernati privati;

Or. en

Emenda 15
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 102, 104, 105, 106
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-importanza ***essenzjali*** tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija; ***jiddispjaċih bis-saħħa*** li l-Kummissjoni ddeċidiet li ***teskludi***	9. Jenfasizza l-importanza tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex ***iżżid it-trasparenza u*** tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi ***ekonomiċi,*** soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija; ***jinnota*** li l-Kummissjoni

kompletament lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ***minn dan*** il-Grupp***, u tat lill-industriji tal-fjuwils fossili aċċess privileġġjat u mhux issorveljat għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE filwaqt li żiedet l-influwenza tagħhom fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u għaldaqstant imminat il-fiduċja taċ-ċittadini, l-iskrutinju pubbliku u t-trasparenza***;

ddeċidiet li ***ma tinkludix*** lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ***f'dan*** il-Grupp***; huwa tal-fehma li l-pubbliku Ewropew għandu jiġi infurmat dwar il-profil tal-membri kollha tal-gruppi ta' esperti***;

Or. en

Emenda 16
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 113, 115
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jappoġġja*** s-suġġerimenti għal titjib tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) mill-Ombudsman***; iqis li huwa essenzjali għall-membri tal-RSB li jivvalutaw kemm ir-riskju attwali tal-influwenza indebita u l-perċezzjoni pubblika tal-indipendenza tagħhom meta jagħżlu l-attivitajiet tagħhom biex jintlaħqu n-nies, u jevitaw li jkollhom laqgħat mar-rappreżentanti b'interess individwali***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kompożizzjoni tal-RSB tirrifletti kompletament id-diversità tal-għarfien espert speċifikat fil-komunikazzjoni relatata tagħha***, jiġifieri t-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli, jew fi kliem ieħor il-makro- u l-mikroekonomija, il-politika soċjali u l-politika ambjentali, u tiddeskrivi b'mod ċar il-kriterji li tapplika meta tagħżel il-membri tal-RSB, minħabba r-rwol ewlieni li kellu l-RSB u l-influwenza sinifikanti tal-opinjonijiet tiegħu fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE***;	11. ***Jinnota*** s-suġġerimenti għal titjib tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) mill-Ombudsman; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kompożizzjoni tal-RSB tirrifletti kompletament id-diversità tal-għarfien espert speċifikat fil-komunikazzjoni relatata tagħha;

Or. en

Emenda 17
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 118, 119, 120, 121
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Ifaħħar l-investigazzjonijiet*** tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni ppreparat proposta biex temenda leġiżlazzjoni relatata mal-politika agrikola komuni***; jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni, fil-waqt tal-preparazzjoni tal-proposta kkonċernata, ma wettqietx*** valutazzjoni tal-impatt***, għażlet li ma tikkonsultax l-organizzazzjonijiet ambjentali u naqset milli tikkonsulta sew il-pubbliku ġenerali; jiddispjaċih bis-saħħa li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddgħajjef ir-rekwiżiti ambjentali tal-PAK mingħajr ma teżamina b'mod komprensiv l-evidenza disponibbli biex tiżgura li r-regoli ġodda ma jimminawx l-għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-UE u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-UE fuq terminu twil, u għalhekk kisret il-prinċipju*** tat-teħid ta' deċiżjonijiet ***ibbażat*** fuq l-evidenza, ***kif stipulat*** fil-Linji Gwida tagħha dwar Tfassil aħjar tal-liġijiet u s-Sett ta' għodod***,*** kif ukoll fil-każistika;	12. ***Jinnota l-inkjesta għaddejja*** tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni ppreparat proposta biex temenda leġiżlazzjoni relatata mal-politika agrikola komuni ***mingħajr*** valutazzjoni tal-impatt ***u b'konsultazzjoni limitata mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-bdiewa***; ***jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rispettati l-prinċipji*** tat-teħid ta' deċiżjonijiet ***ibbażati*** fuq l-evidenza, ***kif minquxa*** fil-Linji Gwida dwar Tfassil aħjar tal-liġijiet u s-Sett ta' għodod ***tal-Kummissjoni*** kif ukoll fil-każistika;

Or. en

Emenda 18
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 125, 126, 127
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma ***eċċellenti*** tal-Ombudsman biex tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi ***l-inklużjoni sħiħa u sinifikattiva*** tal-partijiet soċjali u ambjentali kkonċernati kollha fil-proċess tat-teħid ta'deċiżjonijiet, u biex tgħin ***li jiġi evitat proċess*** tat-teħid ta' deċiżjonijiet ***li jiġi indebitament influwenzat mill-industrija***;	13. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma tal-Ombudsman biex tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi ***l-parteċipazzjoni*** tal-partijiet ***ekonomiċi,*** soċjali u ambjentali kkonċernati kollha fil-proċess tat-teħid ta'deċiżjonijiet, u biex tgħin ***tiġi żgurata l-integrità tal-proċess*** tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 19
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 130, 132, 133, 134, 135
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis essenzjali li l-Kummissjoni ***timplimenta bis-sħiħ u b'mod konsistenti s-suġġerimenti*** tal-Ombudsman biex jittejjeb l-indirizzar ta' kunflitti ta' interess ***potenzjali*** li jinvolvu l-Kummissarji tagħha, ***jiġifieri biex tiżgura li kwalunkwe proċess*** tat-teħid ta' deċiżjonijiet ***ikun sorveljat direttament jew indirettament mill-Kummissarju/i kkonċernat/i jiġi sospiż sakemm deċiżjoni finali tittieħed rigward l-eżistenza ta' kunflitt*** ta' interess***, u tinforma lid-dipartimenti rilevanti tal-allegazzjoni b'mod f'waqtu sabiex ikunu jistgħu jibdew rieżami jew jissospendu kwalunkwe proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li għaddej mill-aktar fis possibbli***;	14. Iqis essenzjali li l-Kummissjoni ***tqis is-suġġerimenti*** tal-Ombudsman biex jittejjeb l-indirizzar ta' kunflitti ta' interess li jinvolvu l-Kummissarji tagħha, ***bil-ħsieb li tiġi ssalvagwardjata l-integrità tal-proċess*** tat-teħid ta' deċiżjonijiet***; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-kontribut tal-Ombudsman lejn iż-żieda tal-etika u t-trasparenza tal-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-politika ta' "revolving doors", perjodi ta' preklużjoni u kunflitti*** ta' interess ***potenzjali f'każijiet ta' eks Kummissarji jew eks persunal anzjan tal-istituzzjonijiet jew l-aġenziji tal-UE li jibdew impjiegi ġodda fis-settur privat***;

Or. en

Emenda 20

Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 136, 138, 139
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-fatt li l-aċċess pubbliku għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE huwa dritt fundamentali stabbilit fit-Trattati tal-UE, u għandu rwol kruċjali fl-iżgurar li l-istituzzjonijiet tal-UE joperaw b'mod trasparenti, u b'hekk isaħħaħ il-leġittimità tal-UE u l-fiduċja pubblika fiha***; jistenna li l-Kummissjoni ttejjeb b'mod sinifikanti t-trattament tagħha tad-domandi għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti***, inkluż permezz tal-implimentazzjoni f'waqtha tar-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Ombudsman, u b'hekk turi fil-prattika li t-trasparenza hija r-regola ta' tmexxija u prijorità fundamentali; ***iqis li jekk id-dewmien sinifikanti tal-Kummissjoni fl-ipproċessar tad-domandi*** għall-aċċess pubbliku ***għad-dokumenti jippersisti, se jkun meħtieġ li titressaq azzjoni kontriha quddiem il-QĠUE abbażi ta' ksur tat-Trattati, inkluż l-Artikolu 15(3) tat-TFUE dwar id-dritt taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE li jaċċessaw id-dokumenti***;	15. Jissottolinja l-fatt li l-aċċess pubbliku għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE huwa dritt fundamentali stabbilit fit-Trattati tal-UE, u għandu rwol kruċjali fl-iżgurar li l-istituzzjonijiet tal-UE joperaw b'mod trasparenti, u b'hekk isaħħaħ il-leġittimità tal-UE u l-fiduċja pubblika fiha, inkluż permezz tal-implimentazzjoni f'waqtha tar-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Ombudsman, u b'hekk turi fil-prattika li t-trasparenza hija r-regola ta' tmexxija u prijorità fundamentali; ***jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-mod li bih tittratta tali domandi, tindirizza d-dewmien sistemiku tagħha, inkluż permezz tal-użu ta' għodod diġitali u proċeduri simplifikati; jissottolinja li d-dritt taċ-ċittadini*** għall-aċċess pubbliku ***għall-informazzjoni japplika għal dokumenti fiżiċi bil-miktub u elettroniċi, kif ukoll għal reġistrazzjonijiet awdjo u awdjoviżivi relatati mal-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE, u jfakkar li l-messaġġi testwali u l-messaġġi istantanji relatati max-xogħol jitqiesu bħala "dokumenti" skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001***;

Or. en

Emenda 21
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 141, 143
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. ***Jiddispjaċih li, f'ħafna każijiet, il-Kunsill*** u l-Kummissjoni rrifjutaw li jiżvelaw dokumenti leġiżlattivi, ***u użaw argumenti vagi, astratti u mhux sostanzjati jew ibbażaw*** fuq raġunament diġà miċħud mill-QĠUE; japprezza l-ħidma ewlenija tal-Ombudsman f'dan il-qasam biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-UE konċernati jiżvelaw minnufih id-dokumenti leġiżlattivi, u jenfasizza li rifjut li jingħata aċċess pubbliku għad-dokumenti jista' jseħħ biss f'ċirkostanzi verament eċċezzjonali;	16. ***Jinnota li l-Kunsill*** u l-Kummissjoni rrifjutaw li jiżvelaw dokumenti leġiżlattivi, ***filwaqt li bbażaw*** fuq raġunament diġà miċħud mill-QĠUE; japprezza l-ħidma ewlenija tal-Ombudsman f'dan il-qasam biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-UE konċernati jiżvelaw minnufih id-dokumenti leġiżlattivi, u jenfasizza li rifjut li jingħata aċċess pubbliku għad-dokumenti jista' jseħħ biss f'ċirkostanzi verament eċċezzjonali;

Or. en

Emenda 22
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 150, 151, 152
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Jissottolinja*** li l-Frontex jeħtiġilha ***tikkonforma għalkollox*** mad-drittijiet fundamentali ***fl-attivitajiet kollha tagħha***, inkluż ***fl-involviment dirett jew indirett tagħha*** f'operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ***, u tikkonforma għalkollox u b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem rilevanti***; ***jenfasizza li skont il-qafas legali applikabbli internazzjonali u tal-UE, l-Istati Membri huma obbligati jagħtu l-għajnuna lil kwalunkwe bastiment jew persuna f'diffikultà fuq il-baħar, irrispettivament min-nazzjonalità jew l-istatus tal-persuna jew iċ-ċirkostanzi li tinsab fihom dik il-persuna;***	17. ***Jisħaq*** li l-Frontex jeħtiġilha ***topera fi ħdan id-dispożizzjonijiet minquxa fir-regolament tagħha, inklużi l-obbligi relatati*** mad-drittijiet fundamentali ***kif ukoll mad-dritt internazzjonali rilevanti***; ***jieħu nota tar-riforma tal-mandat ta' Frontex imħabbra mill-President tal-Kummissjoni għall-2026; jistenna li t-tisħiħ tal-mandat, tar-riżorsi u tal-baġit tal-Frontex ikun jiżgura li l-Aġenzija tista' twettaq il-ħidma tagħha taħt l-aħjar kundizzjonijiet possibbli sabiex tappoġġja aħjar lill-Istati Membri***, inkluż f'operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ;

Or. en

Emenda 23
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 161, 162, 165, 170
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jenfasizza*** li l-Ombudsman ***ikkritikat lill-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta'*** trasparenza ***tagħha*** fir-rigward tal-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem ***li bbażat fuqha*** qabel ma ffirmat il-Memorandum ta' Qbil (MtQ) bejn l-UE u t-Tuneżija***, u esprimiet tħassib dwar il-fatt li ma saritx valutazzjoni tal-impatt minn qabel fuq id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-pilastru "Migrazzjoni u mobbiltà" tal-MtQ***; ***jistenna li l-Kummissjoni timplimenta s-suġġerimenti kollha tal-Ombudsman għal titjib b'mod f'waqtu, u tapplika l-aktar miżuri effettivi u żżomm l-ogħla standards ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kwistjonijiet kollha relatati mal-migrazzjoni;***	19. ***Jinnota l-impenn tal-Ombudsman għad-drittijiet fundamentali; jinnota*** li l-Ombudsman ***talbet*** trasparenza ***akbar*** fir-rigward tal-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem ***meqjusa*** qabel ma ffirmat il-Memorandum ta' Qbil (MtQ) bejn l-UE u t-Tuneżija;

Or. en

Emenda 24
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 175, 176
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Jikkritika r-rifjut*** tal-Kummissjoni li ssegwi r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman li tagħti aċċess pubbliku akbar għad-dokumenti relatati ***mat-tfassil*** tal-leġiżlazzjoni proposta għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal***, u b'hekk naqset milli tiżgura*** li ċ-ċittadini ***jkunu jistgħu jivverifikaw li din aġixxiet b'mod***	20. ***Jesprimi dispjaċir dwar ir-rifjut*** tal-Kummissjoni li ssegwi r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman li tagħti aċċess pubbliku akbar għad-dokumenti relatati ***mal-abbozzar*** tal-leġiżlazzjoni proposta għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal***; ifakkar*** li ċ-ċittadini ***għandhom ikunu kapaċi jiskrutinizzaw il-***

indipendenti, u esklużivament fl-interess pubbliku;	***ħidma tal-Kummissjoni fuq proposti leġiżlattivi; jissottolinja li t-trasparenza hija ta' importanza partikolari f'dan il-kuntest, peress li l-proposta tolqot direttament il-protezzjoni tat-tfal, id-drittijiet fundamentali u l-ħajja privata taċ-ċittadini***;

Or. en

Emenda 25
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 178, 181, 182, 183
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Japprezza d-deċiżjoni*** tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar ***kif il-Kummissjoni wettqet ġbir ta' data mmirat*** dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; ***jiddispjaċih li l-Kummissjoni kkwotat rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-Ewropa biex tiġġustifika t-tnaqqis fl-istatus*** ta' protezzjoni legali ***tal-ilpup fl-UE, għalkemm qabel kienet użat l-istess rapport bħala l-bażi biex topponi proposta tal-istess tip, u minkejja l-fatt li ma ġewx reġistrati bidliet sinifikanti fil-popolazzjonijiet tal-ilpup; jinsab imħasseb ħafna li d-deċiżjoni li jitnaqqas l-istatus ta' protezzjoni*** tal-ilpup ***ma għandha l-ebda bażi*** xjentifika ***soda, sitwazzjoni aggravata mill-fatt li ma kien hemm l-ebda aċċess pubbliku għad-dokumenti rilevanti u li ma sarux biżżejjed sforzi biex jiġu implimentati miżuri preventivi adegwati, u dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna[4]; jibża' li din id-deċiżjoni ħolqot preċedent inkwetanti li jipperikola l-approċċ ġenerali fir-rigward tal-għanijiet tal-konservazzjoni*** u ***l-ġestjoni tal-***	21. ***Jieħu nota tad-deċiżjoni*** tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar ***il-ġbir tad-data mill-Kummissjoni*** dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; ***jinnota, madankollu, li f'konformità mal-istatut tal-Ombudsman, l-inkjesta kellha tingħalaq minħabba każ pendenti mal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (T-634/24), fejn tqajmu l-istess kwistjonijiet; jissottolinja l-importanza li kwalunkwe deċiżjoni rigward l-istatus*** ta' protezzjoni legali tal-ilpup ***tkun ibbażata fuq evidenza*** xjentifika u ***l-protezzjoni tal-komunitajiet rurali***;

organiżmi selvaġġi u l-ħabitats naturali;

---

[4] Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 26
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 188, 190, 191, 192, 193
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati malajr ***u jkunu marbuta ma' rekwiżiti addizzjonali legalment vinkolanti*** biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u responsabbiltà***, speċjalment fid-dawl tal-ftehim politiku reċenti tal-Kummissjoni, u li hu ta' ħsara serja, biex tkompli tiżdied id-dipendenza tal-UE fuq l-Istati Uniti f'diversi setturi kritiċi, inkluż id-difiża, l-IA u l-ffuwils fossili, flimkien ma' impenji biex jiddgħajfu r-regolamenti tal-UE dwar l-enerġija, li huwa ta' detriment għall-Patt Ekoloġiku tal-UE u joħloq żbilanċi żvantaġġużi għas-setturi tal-ikel u tal-agrikoltura fl-UE***;	22. Jilqa' s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati malajr biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u responsabbiltà;

Or. en

Emenda 27
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 122, 145, 200
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Japprezza s-serje ta' suġġerimenti tal-Ombudsman biex tgħin lill-Kummissjoni tiżgura li l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha jibqa' responsabbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw li l-użu ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali jibqa' taħt sorveljanza effettiva mill-bniedem u jikkonforma mal-prinċipji tat-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u d-drittijiet fundamentali; jemmen li t-teħid ta' deċiżjonijiet ma għandux jiġi delegat lil dawn is-sistemi; jisħaq fuq l-importanza li jiġi pprovdut taħriġ adegwat lill-uffiċjali pubbliċi responsabbli għas-sorveljanza mill-bniedem tal-IA, biex jivvalutaw ir-riskji kif xieraq u jivverifikaw ir-riżultati ġġenerati mill-IA; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid it-trasparenza billi tikkomunika b'mod ċar l-informazzjoni dwar proġetti futuri tal-IA u torganizza konsultazzjonijiet pubbliċi dwar l-iżvilupp ta' għodod ġodda tal-IA; jistieden lill-Ombudsman tkompli timmonitorja l-iżviluppi f'dan il-qasam;

Or. en

Emenda 28
Cristina Guarda

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 146, 197, 204
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

23a. Jinnota bi tħassib in-nuqqasijiet identifikati mill-Ombudsman fil-funzjonament tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO); huwa allarmat mill-konklużjonijiet tal-Ombudsman ta' bosta każijiet ta' amministrazzjoni ħażina minħabba n-nuqqas mill-EPSO li jittratta l-ilmenti tal-kandidati, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri ta' ttestjar mill-bogħod u n-nuqqasijiet tal-pjattaformi, li spiss jipprovdu lill-ilmentaturi informazzjoni kontradittorja, juru nuqqas ta' flessibbiltà u li jieħdu deċiżjonijiet mhux raġonevoli; jistieden lill-EPSO jieħu l-miżuri meħtieġa kollha biex jirrimedja b'urġenza n-nuqqasijiet kollha sabiex jiġu rrestawrati l-integrità, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-proċeduri ta' reklutaġġ;

Or. en